

FTEHIM

tat-30 ta' Diċembru, 2006

bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Banka Slovenije rigward il-klejm ikkreditata lill-Banka Slovenije mill-Bank Ċentrali Ewropew skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U L-BANKA SLOVENIJE,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30 tat-30 ta' Diċembru, 2006, dwar il-ħlas tal-kapital mill-Banka Slovenije, it-trasferiment ta' l-assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjoni għar-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew¹, l-ammont aggregat ekwivalenti għall-euro ta' assi barranin ta' riżerva li l-Banka Slovenije għandu jittrasferixxi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007, skond l-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew huwa EUR 191 641 809,33.
- (2) Skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30, b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007, il-BĊE għandu jikkredita lill-Banka Slovenije bi klejm iddenominata fil-euro ekwivalenti għall-ammont aggregat u ddenominat fil-euro tal-kontribuzzjoni tal-Banka Slovenije ta' assi barranin ta' riżerva, skond l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Il-BĊE u l-Banka Slovenije jaqblu li jistabbilixxu l-klejm tal-Banka Slovenije għall-ammont ta' EUR 183 995 237, 74, sabiex jiġi żgurat li l-proporzjon bejn l-ammont fil-euro tal-klejm tal-Banka Slovenije u l-ammont aggregat iddenominat fil-euro tal-klejms ikkreditati lill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra ta' l-Istati Membri li adottaw il-euro (minn issa 'l quddiem 'il-BĊNi parteċipanti') ikun indaqs mal-proporzjon bejn il-piż tal-Banka Slovenije fl-iskema kapitali tal-BĊE u l-piż aggregat tal-BĊNi parteċipanti l-oħra f'din l-iskema.
- (3) Id-differenza bejn l-ammonti msemmija fir-*recitals* 1 u 2 tirriżulta mill-applikazzjoni tar-*rati* tal-kambju kurrenti' imsemmija fl-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut għall-valur ta' l-assi barranin ta' riżerva ttrasferiti diġa' mill-Banka Slovenije skond l-Artikolu 30.1 ta' l-Istatut, u mill-effett fuq il-klejms li l-BĊNi parteċipanti l-oħra għandhom skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut ta' li ġej (i) l-aġġustament ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Jannar, 2004, skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut; (ii) it-*tkabbir* ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Mejju, 2004, skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut; u (iii) it-*tkabbir* ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Jannar, 2007, skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut.
- (4) Minħabba din id-differenza hawn fuq imsemmija, il-BĊE u l-Banka Slovenije jaqblu li l-klejm tal-Banka Slovenije tista' titnaqqas billi jitpaċa kontriha l-ammont li l-Banka Slovenije għandu

¹ Għada mhix ippublikata.

jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30, fil-każ li l-klejm tal-Banka Slovenije hija akbar mill-ammont ta' EUR 183 995 237,74.

- (5) Il-BĊE u l-Banka Slovenije għandhom jaqblu dwar modalitajiet oħra għall-ikkreditar tal-klejm tal-Banka Slovenije, waqt li jiġi kkunsidrat li, skond il-movimenti tar-rata tal-kambju, jista' jinħtieġ li l-klejm tizzied aktar milli titnaqqas, għall-ammont imsemmi fir-*recital* 2.
- (6) Il-Kunsill Governattiv approva li l-BĊE isir parti minn dan il-Ftehim, li jittratta deċiżjoni li għandha tittieħed skond l-Artikolu 30 ta' l-Istatut, skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10.3 ta' l-Istatut,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Modalitajiet għall-ikkreditar tal-klejm tal-Banka Slovenije

1. Jekk l-ammont tal-klejm li l-BĊE għandu jikkredita lill-Banka Slovenije skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30 (minn issa 'l quddiem 'il-klejm tal-Banka Slovenije' jew 'il-klejm') huwa akbar minn EUR 183 995 237,74 fid-data finali li fiha l-BĊE jirċievi l-assi barranin ta' riżerva mill-Banka Slovenije skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30, allura l-ammont tal-klejm għandu jitnaqqas b'effett minn dik id-data għal EUR 183 995 237,74. Dan it-tnaqqis għandu jsir billi, l-ammont li l-Banka Slovenije għandu jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007, skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30, jitpaċa kontra l-klejm. L-ammont paċut għandu jkun ittrattat bħala kontribuzzjoni minn qabel għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30, li għandha titqies li tkun saret fid-data ta' dik it-tpaċija.
2. Jekk l-ammont li għandu jiġi kkontribwit mill-Banka Slovenije għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30 huwa anqas mid-differenza bejn: (a) l-ammont tal-klejm tal-Banka Slovenije; u (b) EUR 183 995 237,74, allura l-ammont tal-klejm għandu jitnaqqas għal EUR 183 995 237,74: (1) billi jitpaċa skond il-paragrafu 1 hawn fuq; u (2) billi l-BĊE iħallas lill-Banka Slovenije ammont fil-euro daqs l-ammont tad-defiċit li jifdal wara din it-tpaċija. Kull ammont li jrid jitħallas mill-BĊE skond dan il-paragrafu għandu jkun dovut b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007. Il-BĊE għandu, sadanittant, jagħti struzzjonijiet għat-trasferiment ta' dan l-ammont, u ta' l-imgħax nett akkumulat fuq dan l-ammont, permezz tas-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer*. L-imgħax akkumulat għandu jkun ikkalkulat kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkulazzjoni '*actual over 360-*

day' b'rata daqs ir-rata ta' l-imgħax marġinali wżata mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid l-aktar riċenti tagħha.

3. Jekk l-ammont tal-klejm tal-Banka Slovenije huwa anqas minn EUR 183 995 237,74 fid-data finali li fiha l-BĊE jirċievi l-assi barranin ta' riżerva mill-Banka Slovenije skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30, allura l-ammont tal-klejm għandu jizjed f'dik id-data għal EUR 183 995 237,74. Iż-żieda għandha ssir billi l-Banka Slovenije iħallas lill-BĊE ammont fil-euro daqs id-differenza. Kull ammont li għandu jitħallas mill-Banka Slovenije skond dan il-paragrafu għandu jkun dovut mill-1 ta' Jannar, 2007, u għandu jitħallas skond il-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 5(4) u (5) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007.
2. Dan il-Ftehim għandu jitħejja f'żewġ kopji oriġinali w iffirmati bl-Ingliż. Il-BĊE u l-Banka Slovenije għandhom iżommu kopja oriġinali kull wieħed.

Magħmul fi Frankfurt am Main fit-30 ta' Diċembru, 2006.

Għall-Bank Ċentrali Ewropew

Jean-Claude TRICHET
President

Għall-Banka Slovenije

Mitja GASPARI

Gvernatur